MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 47/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Richard Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Richard Farrugia, karta ta' l-identita` numru 210667(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-8 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 10:30 ġewwa Triq San Mark, Valletta:

(1) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Gulia Anna Farrugia biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet, jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali;

(2) fl-istess jum fit-triq imsemmija kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni u cioe` kiser l-Ordni ta’ Protezzjoni mposta fuqu b’ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta – Qorti tal-Familja) b’sentenza datata nhar-il 11 ta’ Ġunju 2012 mill-Maġt Dr. A. J. Vella LL.D.;

(3) sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta – Qorti tal-Familja) mill-Maġt. Dr. A. J. Vella LL.D. datata 11 ta’ Ġunju 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għall-ħarsien ta’ Gulia Anna Farrugia;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mogħtija fit-3 ta’ Frar 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B(1), 412C(7), 49, 50, 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-istess Richard Farrugia ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu multa ta’ elf euro (€1,000);

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ l-istess Richard Farrugia ppreżentat fil-11 ta’ Frar 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrieh kif ukoll minn kull ħtija u piena; alternattivament tirriforma s-sentenza appellata u tnaqqas b’mod sostanzjali l-piena nflitta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti:

> “Illi għalkemm ir-rapport jgħid illi l-episodju in kwistjoni ġara fit-8 ta’ Ottubru 2013, l-esponent ma kienx akkużat illi għamel reat/i f’din il-ġurnata partikolari iżda l-att tal-akkuża kienet tgħid illi huwa kien akkużat li għamel l-imsemmi reat fit-8 ta’ Settembru 2013 u fl-ebda ħin ma ġiet intavolata rikjesta għall-bdil tal-ġurnata sabiex tkun tirrifletti dak imniżżel fir-rapport.
>
> “Illi fil-fatt fit-8 ta’ Settembru 2013 ma ġie rapportat l-ebda reat kontra l-esponenti aħseb u ara kemm għandu jiġi misjub ħati li kkommetta reat/i fl-imsemmija data u jiġi kkundannat iħallas multa ta’ €1,000.
>
> “Illi din mhijiex kwistjoni ta’ ħin imniżżel ħażin u li għaldaqstant ma tantx tagħmel differenza. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq xahar kompletament differenti. U għalkemm il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija (Spet. Nikolai Sant) v. Clive Vella** ta’ l-14 ta’ Jannar 2013, per eżempju, kienet sostniet

illi d-differenza bejn in-nomenklatura ta' post u ieħor – f'dak il-każ bejn St Andrew's u Pembroke – ma kinitx tħalli dubju f'moħħ il-ġudikant ta' fejn kien il-post tal-allegat reat, l-istess ma setax jingħad, qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell, li kieku l-post kien indikat, per eżempju bħala Birkirkara meta r-reat ikun fil-fatt seġġ l-Imqabba.

"Illi di piu` għalkemm id-dokument illi fuqu hija mniżżla l-akkuża huwa meqjus bħala *avviso di comparire* jasal ukoll punt meta tinqara l-akkuża. Dan għaliex l-imputat għandu dritt ikun jaf bl-eżatti fuq x'hiex qiegħed jiġi akkużat u għaldaqstant jekk ma ssirx korrezzjoni tad-data fattwalment inkorretta l-anqas f'dan l-istadju, wieħed ma jistax jinstab ħati għaliex ikun qiegħed jiġi misjub ħati fuq reat li ma ġiex kommess fid-data indikata bħala d-data tar-reat, fil-ħin li tinqara jew tittieħed bħala moqrija l-akkuża.

"Illi di piu` u limitatament jekk l-ewwel aggravju ma jiġix milħuq, l-esponenti jħoss illi huwa m'għamel assolutament xejn illi seta' b'xi mod jikkrea biża' fis-Sinjura Farrugia għaliex kulma għamel kien li talabha x-xarretta bla għajjat u storbju kif anke minnha stess irrappurtat."

**6.** Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel aggravju ta' l-appellant u tirreferi l-ewwelnett għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."**

**7.** Fil-kaz in ezami l-appellant gie akkuzat b'numru ta' reati li allegatament sehhew "fit-8 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 10.30". Skond l-affidavit ta' P.S. 206 B. Aquilina, Gulia Anne Farrugia għamlet ir-rapport tagħha fit-8 ta' Ottubru 2013 dwar inċident li allegatament ġara dakinhar fl-10.30. Fix-xiehda tagħha mart l-appellant, hi u tirreferi għall-kwistjoni dwar ix-xarretta, qalet li dan ġara "xi ġimgħa jew ħmistax jew tliet ġimgħat, ma nafx kemm għadda eżatt", wara l-inċident ta' l-24 ta' Awissu 2013. Jiġifieri l-istess *parte civile* kienet inċerta dwar id-data. Evidentement, jekk l-allegat inċident ġara fit-8 ta' Ottubru, l-appellant ma setax jinstab ħati dwar inċident li ġara fit-8 ta' Settembru.

**8.** F'kaz simili deciz minn din il-Qorti fit-18 ta' Ottubru 2005, u cioe` l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal:

> **"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."**

**9.** Dan japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. F'dan il-każ id-data meta suppost sar ir-rapport ġie ndikat fl-affidavit. Mill-banda l-oħra l-*parte civile* ma kinitx f'pożizzjoni li tindika d-data preċiża.

**10.** Fi kwalunkwe każ u għal kull bwon fini, din il-Qorti, li semgħet ix-xhieda, tista' tiddeskrivi dan l-allegat inċident bħala *"a non-incident"*.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, issib lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull ħtija u piena.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------